MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 892/2009

**Pace & Pace Co. Ltd (13152)**

**vs**

**1. Dormax Promotional Printing Limited (C27511)**

**2. Dr. Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010 gew nominati kuraturi ghal eredi mhux maghrufa ta' Clifford Micallef (ID 285364) u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2010 l-istess kuraturi gew estromessi mill-kawza *stante* li assumiet l-atti Shirley Micallef bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Maximillian, Zachariah u Jon ahwa Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Jonathan Pace (ID 248874 M) datat 16 ta’ Settembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi r-rikorrenti ghandu negozzju ta’ stampar u ppresta s-servizz tieghu billi ghamel diversi xoghlijiet u ssuplixxa diversi affarijiet lill-intimati.

Illi l-intimat ghamel xi pagamenti izda ghandu ihallas lir-rikorrenti bilanc ta’ sittax-il elf seba’ mija tmienja u tletin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€16,738.88) kif jidher fid-dokument mmarkat Dok “A”.

Illi fis-16 ta’ Dicembru 2008 l-intimat kien iddikjara li huwa dovut l-imsemmi ammont kif jidher fid-dokument mmarkat Dok “B”.

Illi fis-17 ta’ Frar 2009 l-intimat gie interpellat biex ihallas l-imsemmi ammont permezz ta' ittra bonarja ffirmata mill-Avukat Dr. David Farrugia Sacco kif jidher fid-dokument mmarkat Dok “C”.

Illi fil-25 ta’ Marzu 2009 ir-rikorrenti u l-intimat iffirmaw kostituzjoni ta' debitu notarizata maghmula minn Nutar Dr. Carmel Mangion fejn l-imsemmi ammont kif ukoll l-imghax li kien iddekorra, ossia sbatax-il elf tliet mija u tnax-il ewro (€17,312) gie ddikjarat bhal ammont cert likwidu u dovut mill-intimat lir-rikorrenti, u sar qbil ta’ pagamenti rateali, kif jidher fid-dokument mmarkat Dok “D”.

Illi l-intimat ma hallas xejn minn dan l-ammont dovut.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma umli tar-rikorrenti l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza a bazi tal-**Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza bazi tal-**Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u cioe` bid-dispensa tas-smigh;

2. Tiddikjara li l-intimat ghandu ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf tliet mija u tnax-il ewro (€17,312).

3. Tordna l-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf tliet mija u tnax-il ewro (€17,312).

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluz il-mandat ta' sekwestru bin-_____ numru kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 10 tal-process.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Pace & Pace Co Ltd (C 13152) datat 16 ta' Settembru 2009 (fol 13) fejn talbu lill-Qorti ghan-nomina tal-kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Clifford Micallef fil-proceduri kollha u fl-atti kollha u ghal kull att iehor relattiv u ancillari; u l-Qorti kif diversament presjeduta innominat lil Dr. Cedric Mifsud u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Marzu 2010 (fol 19) fejn Dr. Farrugia Sacco talab in-notifika konvenuta wara hinijiet legali u f'kaz ta' ezitu negattiv a bazi tal-**artikolu 187 (5) tal-Kap 12.** Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Cedric Mifsud talab li jirregola ruhu. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u l-procedura baqghet dik tal-giljottina ghall-15 ta' Gunju 2010; u l-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Gunju 2010 (fol 20) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Norval Desira ghal Shirley Micallef prezenti bhala l-legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Maximillian, Zachariah u Jon ahwa Micallef bhala eredi tad-defunt Clifford Micallef li assumew l-atti tal-kawza permezz ta' nota proprju bhala eredi tal-imsemmi Clifford

Micallef u talbu l-estromissjoni tal-kuraturi deputati. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li dan jigi ndikat fl-okkju u fl-atti kollha tal-kawza u ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati (Dr. Cedric Mifsud prezenti) mill-kawza. Deher ukoll Jonathan Pace ghas-socjeta` attrici. Dr. David Farrugia Sacco msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Desira talab jipprezenta eccezzjonijiet *stante* li l-ordni saret mis-socjeta` konvenuta u mhux mill-klijenti tieghu personalment. Peress li l-Qorti hasset li l-konvenuti li assumew il-kawza personalment illum ghandhom eccezzjonijiet *prima facie* x' jaghtu, il-Qorti ipprefeggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal sabiex l-istess konvenuti jipprezentaw risposta guramentata fis-sens fuq indikat u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop u ghan-notifika tas-socjeta` konvenuta ghall-11 ta' Novembru 2010. Aktar tard deher Dr. Farrugia Sacco li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat ir-risposta guramentata ta' Shirley Micallef (karta tal-identita` numru 111867M) bhala legittima rapprezentanti ta' wliedha minuri Maximillian, Zachariah u Jon, ahwa Micallef, fil-vesti taghhom ta' eredi tal-mejjet Clifford Micallef (karta tal-identita` numru 285364M) datata 2 ta' Lulju 2010 a fol 23 tal-process fejn l-istess Shirley Micallef bil-gurament taghha eccepiet: -

1. Illi l-minuri Maximillian, Zachariah u Jon, ahwa Micallef huma l-eredi tal-mejjet Clifford Micallef skont l-ahhar testment tieghu tad-9 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Henry Saydon (Dokument "A").

2. Illi *in linea* preliminari, l-eredi tad-defunt Clifford Micallef ma humiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet rikorrenti, u ghalhekk jitolbu illi jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, a spejjez tas-socjeta` attrici, billi minn ezami tad-dokumenti kollha ezebiti mill-istess socjeta` attrici mar-rikors guramentat promutorju ghandu jirrizulta car u inekwivoku illi d-debitu mitlub huwa dovut unikament mis-socjeta` konvenuta Dormax Promotional Printing Ltd u li d-defunt Clifford Micallef qatt ma assuma xi responsabbilta` personali ossija offra ruhu bhala garanti personali ghall-istess debitu. Konsegwentement, hija l-

umli fehma tal-esponenti illi l-eredi ghandhom jigu liberati mill-osservanza dan il-mandat ma ghandux jigi accettat in kwantu jikkolpixxi proprjeta' derivanti mill-assi ereditarji ta’ Clifford Micallef.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument “A” ta’ Shirley Micallef (karta tal-identita` numru 111867M) bhala legittima rapprezentanti ta’ wliedha minuri Maximillian, Zachariah u Jon, ahwa Micallef, fil-vesti taghhom ta’ eredi tal-mejjet Clifford Micallef (karta tal-identita` numru 285364M) a fol 24 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Novembru 2011 (49) fejn Dr. David Farrugia Sacco esebixxa dokumenti fejn irrizulta li l-ufficcju registrat tas-socjeta` konvenuta huwa dak indikat fl-istess dokument li gie esebit bhala Dok “DFS”, u l-Qorti ordnat li l-affissjoni issir fuq l-indirizz hemm indikat tal-istess socjeta` konvenuta; u l-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Sabina Cabourdin ghall-eredi ta’ Clifford Micallef. Il-Qorti pprefiggiet ghoxrin (20) gurnata zmien lis-socjeta` attrici ghall-affidavits taghha bin-noftika lid-difensur tal-kontro parti li mhumiex kontumaci li jkollhom ghoxrin (20) gurnata zmien biex jipprezentaw l-affidavits taghhom. Il-Qorti nnominat lil Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa sa massimu ta’ zewg seduti ghall-kontro ezamijiet kollha relattivi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-17 ta’ April 2012. Aktar tard deher Dr. David Farrugia Sacco u nforma lill-Qorti li xhieda bl-affidavits m’ ghandux. Il-Qorti ordnat komunika ta’ dan il-verbal lil Dr. Alex Schembri jew Dr. Sabine Cabourdin u lil Dr. Michael Camilleri u dan sabiex jekk ikun il-kaz jipprezenta l-affidavits taghhom mill-aktar fis.

Rat li s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura ta’ affissjoni u pubblikazzjoni u baqghet kontuamci u lanqas dehret f’din il-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta' Novembru 2012 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-15 ta' Novembru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici ghamlet xoghol ta' stampar u servizzi ohra relattati flimkien ma' konsenji relattivi lis-socjeta' konvenuta kif jidher mid-Dok. "A" u "B" annessi mal-azzjoni attrici u wkoll mill-affidavit ta' Jonathan Pace datat 21 ta' Gunju 2011 (fol. 39).

Jirrizulta wkoll li Clifford Micallef ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kkostitwixxa ruhhu fil-kwalita' tieghu premessa bhala debitur tal-istess socjeta' attrici skont kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 25 ta' Marzu 2009 fl-ammont ta' sbatax-il elf, tliet mija u tnax-il ewro (€17,312) (Dok. "D") li huwa l-ammont ta' *sorte* indikat f'din l-azzjoni attrici. Mela allura ma hemm l-ebda dubju li l-pretenzjoni tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta tissussisti u t-talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tal-istess socjeta' intimata.

Izda min-naha l-ohra ma jidhirx li l-eredi tad-*decujus* Clifford Micallef ghandhom x'jaqsmu f'dan il-kaz ghaliex Clifford Micallef qatt ma ikkontratta personalment mas-socjeta' attrici. F'dan is-sens huwa wkoll l-affidavit ta' Shirley Micallef datat 7 ta' Settembru 2011 (fol. 44). B'hekk l-istess eredi ma humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk t-talba attrici fil-konfront taghhom qed tigi

michuda proprju ghaliex huma ma humiex il-legittimi kontradittur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Shirley Micallef bhala l-legittima rappresentanti ta' uliedha minuri Maximillian, Zachariah u Jon Micallef u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, fil-kuntumacja tas-socjeta' konvenuta Dormax Promotion Printing Limited, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fil-konfront tal-istess socjeta' konvenuta Dormax Promotion Printing Limited, b'dan illi:-

2. Tiddikjara li s-socjeta' intimata Dormax Promotion Printing Limited ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sbatax-il elf, tliet mija u tnax-il ewro (€17,312).

3. Tordna lis-socjeta' intimata Dormax Promotion Printing Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf tliet mija u tnax-il ewro (€17,312).

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' intimata, b'dan izda li s-socjeta' attrici ghandha thallas l-ispejjez gudizzjarji tal-intimati Shirley Micallef *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------